



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0362/2017**

23.11.2017

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (COM(2017)0369 – C8-0231/2017 – 2017/0153(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Angel Dzhambazki

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	8
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	9



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (COM(2017)0369 – C8-0231/2017 – 2017/0153(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2017)0369),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3), kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0231/2017),
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>1</sup> dwar il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea għal dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 78c u 108(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0362/2017),
1. Japprova l-awtorizzaazzjoni għall-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

---

<sup>1</sup> Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, 1/13, ECLI:EU:C:2014:2303.

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-aspetti ċivili tal-ħtif internazzjonali tat-tfal hija strument ta' importanza fundamentali. Il-Konvenzjoni ġiet ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE.

Din il-Konvenzjoni waqqfet sistema li permezz tagħha l-istati kontraenti jistgħu jikkooperaw biex isibu soluzzjoni għas-sitwazzjonijiet ta' ħtif internazzjonali ta' tfal.

Ħafna drabi, dawn il-problemi jinħolqu meta l-koppja tissepara. Meta l-omm u l-missier ma jkunux mill-istess stat, jista' jkun hemm it-tentazzjoni li jiġi sfruttat in-nuqqas ta' kooperazzjoni bejn l-Istati biex tittieħed il-kustodja tat-tfal. Fl-istampa spiss naraw każijiet ta' ħtif internazzjonali ta' tfal wara separazzjoni jew divorzju.

Il-problema prinċipali f'każijiet bħal dawn hija t-tendenza tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati li jiffavorixxu liċ-ċittadini ta' pajjiżhom. F'dawn il-każijiet, spiss jiġri li l-qrati taż-żewġ stati involuti jiddikjaraw lilhom infushom kompetenti u li kull qorti tagħti l-kustodja tat-tfal lill-ġenitur ċittadin tal-istat fejn tinsab il-qorti.

L-għan tal-Konvenzjoni kkonċernata hu li dawn is-sitwazzjonijiet jiġu riżolti fil-livell internazzjonali, billi jiġi stabbilit li l-qrati kompetenti u l-liġijiet applikabbli huma dawk tal-istat ta' residenza tat-tfal. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi wkoll sistema li tiżgura r-ritorn immedjat tat-tfal maħtufa.

L-UE issa għandha kompetenza esterna esklużiva f'dan il-qasam, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni 1/13. L-Istati Membri għalhekk ma jaġixxux aktar għal rashom. Il-problema hija li l-Konvenzjoni ma tipprevedix l-azzjoni awtonoma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-Panama ddepożita l-istrument ta' adeżjoni għall-Konvenzjoni tal-1980 fit-2 ta' Frar 1994. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Panama fl-1 ta' Mejju 1994. Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn il-Panama u 26 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. L-Awstrija u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Panama mal-Konvenzjoni.

L-Urugwaj iddepożita l-istrument ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 fit-18 ta' Novembru 1999. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-Urugwaj fl-1 ta' Frar 2000. Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn l-Urugwaj u 25 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. L-Awstrija, id-Danimarka u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Urugwaj mal-Konvenzjoni.

Il-Kolombja ddepożitat l-istrument ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 fit-13 ta' Diċembru 1995. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fil-Kolombja fl-1 ta' Marzu 1996. Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn il-Kolombja u 25 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. L-Awstrija, id-Danimarka u r-Rumanija biss għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni tal-Kolombja mal-Konvenzjoni.

El Salvador iddepożita l-istrument ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-1980 fil-5 ta' Frar 2001. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ f'El Salvador fl-1 ta' Mejju 2001. Il-Konvenzjoni tal-1980 bejn El

Salvador u 25 Stat Membru tal-UE diġà daħlet fis-seħħ. Huma biss l-Awstrija, id-Danimarka u r-Rumanija li għadhom ma aċċettawx l-adeżjoni ta' El Salvador mal-Konvenzjoni.

Minħabba li l-kwistjoni tal-ħtif internazzjonali ta' minuri tidħol fil-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea, id-deċiżjoni dwar jekk tiġix aċċettata l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugway, tal-Kolombja u ta' El Salvador għandha tittieħed fil-livell tal-UE permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill. B'hekk l-Awstrija u r-Rumanija għandhom jiddikjaraw l-aċċettazzjoni tal-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugway, tal-Kolombja u ta' El Salvador fl-interess tal-Unjoni Ewropea.

L-aċċettazzjoni tal-Awstrija u tar-Rumanija tagħmel il-Konvenzjoni tal-1980 applikabbli għall-Urugway, għall-Kolombja, għal El Salvador u għall-Istati Membri kollha tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. Fir-rigward tal-Panama, l-Konvenzjoni tal-1980 se ssir applikabbli mal-Istati Membri kollha tal-UE.

L-adeżjoni tal-Panama, l-Urugway, il-Kolombja u El Salvador għall-Konvenzjoni għandha tintlaqa' tajjeb. Ir-rapporteur għaldaqstant jipproponi lill-Parlament li jadotta l-proposta mingħajr emendi, sabiex jiżgura li l-ħarsien mogħti lit-tfal ikkonċernati jiġi estiż għat-territorju kollu tal-Unjoni.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Awstrija u r-Rumanija biex jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Panama, tal-Urugwaj, tal-Kolombja u ta' El Salvador mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0369 – C8-0231/2017 – 2017/0153(NLE)
<b>Data tal-konsultazzjoni / talba għal approvazzjoni</b>	25.7.2017
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 11.9.2017
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 11.9.2017
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	LIBE 7.9.2017
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Angel Dzhambazki 12.7.2017
<b>Data tal-adozzjoni</b>	21.11.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Max Andersson, Joëlle Bergeron, Marie-Christine Boutonnet, Jean-Marie Cavada, Mady Delvaux, Rosa Estaràs Ferragut, Enrico Gasbarra, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Jiří Maštálka, Emil Radev, Julia Reda, Evelyn Regner, Pavel Svoboda, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, Daniel Buda, Angelika Niebler, Tiemo Wölken
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Flack, Emma McClarkin
<b>Data tat-tressiq</b>	23.11.2017



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>24</b>	<b>+</b>
ALDE	Jean-Marie Cavada, Antonio Marinho e Pinto
ECR	John Flack, Emma McClarkin
EFDD	Isabella Adinolfi, Joëlle Bergeron
ENF	Marie-Christine Boutonnet, Gilles Lebreton
GUE/NGL	Jiří Maštálka
PPE	Daniel Buda, Rosa Estaràs Ferragut, Emil Radev, József Szájer, Axel Voss, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka
S&D	Mady Delvaux, Enrico Gasbarra, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Evelyn Regner, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Max Andersson, Julia Reda

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni